# Tifkira tal-Gwerra

*D. Joe Calleja*



Fl-10 ta' Ottubru 1992, ġie mfakkar għeluq il-50 sena minn meta ta' Sannat ġie bbumbardjat. Kienet ġrajja ta' niket li għalkemm ma tieħux gost tiftakar fiha, kien xieraq li tiġi mfakkra. Kien eżattament is-Sibt, 10 ta' Ottubru, 1942, għall-ħabta ta' l-10.30 ta' filgħodu, meta żewġ ajruplani Ġermaniżi tal-Luftwaffe dehru ġejjin lejn in-naħiet ta' Sannat u kif waslu fuq ir-raħal irħew il-bombi tagħhom. Il-herba li ħallew warajhom kienet kbira. Xena tal-biża'. Qalb frak, tkissir u għajat ta' bosta nies li sfaw mirduma, kien hemm ukoll katavri ta' nies li tilfu l-ħajja. In-numru tal-vittmi laħaq it-tmintax. L-Arċipriet Cassar, Dun Ġużepp Grima u bosta Sannatin oħra għamlu kull ma setgħu biex jgħinu lil ħuthom fil-bżonn. Anke l-knisja tal-parroċċa kienet ġarrbet ħsarat b'effett tal-blast tal-bombi.

Biex titfakkar din il-ġrajja fil-parroċċa saret Konċelebrazzjoni mis-saċerdoti tal-parroċċa b'suffraġju ta' dawn il-vittmi, twaħħlet tifkira bl-ismijiet tal-vittmi, u saru diskorsi u 'feature' dwar din il-ġrajja.